# IL-PAPAT TAL-15 SEKLU

**PAPA ALESSANDRU VI**

Rodrigo Borgia Lanzol twieled gewwa Xativa fi Spanja fl-1 ta' Jannar, 1431. Ommu kienet oht il-Papa Kallistu III. Inhatar



kardinal meta kellu 25 sena u mbuttat minn zijuh sab ma' wiccu hafna opportunitajiet. Hajtu ma kienetx edifikanti u ghalkemm kien imwissi biex jibdel hajtu minn Piju II iz-zaghzugh Rodrigo kompla jghix hazin.



Il- kullegg tal-kardinali ghazlu lil Rodrigo bhala papa li ha l-isem ta' Alessandru VI. Mhux kull ma nkiteb fuqu dwar l-imgiba ta' hajtu tista' tkun minnha. Xi uhud kabbru u ziedu kif qabel lilhom, izda jibqa' il-fatt li hu ma kienx ta' kostumi tajba

u hajtu kienet bil-maqlub ta' dak li l-insara kienu jistennew mill-mexxejj spiritwali taghhom.

Minkejja li ma kienitx ghazla ghaqlija, il-poplu ruman laqa' b'entuzjazmu l-elezzjoni tieghu. Lahaq Papa meta kellu 61 sena u ma dankollu kien ghadu fuq tieghu. Kien ihobb hafna l-arti u jaqdi c-ceremonji tal-ufficju tieghu b'mod ezatt u dekoruz. Irnexxilu jnissel il-paci bejn Spanja u l-Portugall u ttratta bil-hniena u moghdrija l-Lhud li harbu minn Spanja. Hadem hafna biex jgholli l-universita' u fil-belt eterna u wettaq hafna gid.

Alessandru kellu ghadma kbira meta l-Francizi taht it-tregija ta' re Karlu III nizel ghall-Italja biex jiehu lura lin-Napli. L-ghedewwa tieghu Guljanu della Revere, l-Orsini u Savonarola kollha talbu biex Alessandru jinzel minn Papa ghaliex kien prelat li qed idahhal il-flus bil-biegh ta' hwejjeg qaddisa. Imma d-diplomazija ta' Alessandru VI ghenitu biex jahrab it-theddida franciza. Savonarola kompla jixli lil Alessandru VI imma fis-sena 1498 il-poplu ta' Firenze qam kontra dan il-patri u tah il-mewt.

Kien jidher li kien hemm mument meta Alessandru kien ser ibiddel hajtu. Imma lejla wahda it-tifel favorit tieghu Juan gheb wara festin. Wara li damu jiem ifittxuh sabu l-gisem ferut tieghu fix-xmara Tiber. Il-papa mimli sobgha ghall-mewt tragika ta' ibnu dahal fih innifsu u beda jahseb fuq riforma. Kummissjoni mahtura offriet pjan kollu mimli wieghdi. Imma dan il-mument ghadda u Alessandru u l-Papa

rega' beda jahseb kif ser iwitti t-triq ghall-karriera ta' ibnu Cesare.

Ibnu Cesare abbanduna l-istat ekklesjastiku tieghu, ghalkemm hu kien kardinal hu ma kiex sacerdot u lilu Alessandru allokalu sezzjoni ta' l-istati papali lejn in-naha ta' fuq ta' l-Italja. Huwa amministrahom b'tahlita ta' hila kbira, energija u id iebsa. Il-marda tieghu flimkien mal-mewt tal-Papa kienu l-kawza li tilef din il-principalita'.

It-tnejn mardu bil-marda tal-malarja, imma filwaqt li Cesare irnexxilu jghaddiha, il-Papa Alessandru VI miet ta' 73 sena fit-13 ta' Awissu 1503.